MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 318/2012

**Condominium Services Limited (C-39139)**
**Vs**
**Donald Brownrigg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut li huwa sid tal-appartament numru 3A fil-Blokk ta' Appartamenti bl-isem Savoy Terrace, Block A, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gzira, huwa debitur tas-socjeta' attrici, fil-kwalita' taghha premessa, fis-somma t' elf mitejn u sitta u disghin ewro (€1296) rapprezenanti:

- in kwantu ghal €300 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena 2010/2011 a bazi tad-decizjonijiet mehuda waqt il-laqghat tas-sidien tal-condominium Savoy Terrace, Block A, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gzira;
- in kwanut ghal €400 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena 2011/2012 a bazi tad-decizjonijiet mehuda waqt il-laqghat tas-sidien tal-condominium Savoy Terrace, Block A, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gzira;

- in kwantu ghal €546 arretrati fil-hlas tal-kontribuzzjoni dovuta ghas-snin ta' qabel;
- in kwantu ghal €50 spejjez ghas-sena 2010/2011 ghall-manutenzjoni tal-lift.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti; bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali interpellatorja datata 2 ta' Mejju 2011, li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok X u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta' Frar, 2013 mill-Avukat Benjamin Valenzia u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova 'l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf mitejn u sitta u disghin ewro (€1296) u dan bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali interpellatorja datata 2 ta' Mejju 2011, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------